



Brussell, 7 ta' Mejju 2015
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2014/0297 (NLE)

8387/1/15
REV 1

PI 28

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|------------------|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 7576/1/15 REV 1 PI 20 |
| Nru dok. Cion: | 14617/14 PI 117 |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem I-Unjoni Ewropea, tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat - Talba lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE |

1. Kif diskuss fl-2535 laqgħa tiegħu fil-25 ta' Marzu u fl-2538 laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) qabel li jirrakkomanda lill-Kunsill biex jitlob lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE, sabiex tippreżenta mingħajr dewmien proposta leġislattiva biex jiġi emendat il-qafas legali tal-UE sabiex ikun konformi mat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat (it-'Trattat ta' Marrakexx'). Fil-laqgħa tat-22 ta' April 2015 hu kellu jiproċedi b'tali talba minħabba n-nuqqas ta' ftehim dwar il-proposta ta' kompromess għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx, kif iddiċċi fid-dokument 7576/1/15.

2. Meta jiġi kkunsidrat li għadd konsiderevoli ta' delegazzjonijiet kienu indikaw ir-rieda tagħhom li jipproċedu bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx, waqt il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti Ewropew fit-22 ta' April 2015, il-Presidenza pproponiet proposta ta' kompromess biex kemm jista' jkun jiġu akkomodati l-opinjonijiet diverġenti tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kwistjoni ta' kompetenza u tal-bażi ġuridika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta. It-terminu ta' żmien biex jiġi espress il-kunsens mid-delegazzjonijiet matul il-proċedura ta' silenzju kien stabbilit għal 12:00 (nofsinhar) tal-24 ta' April 2015. Sa tmiem it-terminu ta' żmien stabbilit, il-proċedura ta' silenzju nkisret minn seba' delegazzjonijiet li ffurmaw minoranza qawwija ta' imblukkar.
3. Minħabba n-nuqqas ta' qbil mid-delegazzjonijiet rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx u kif iddi kjarat matul il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-22 ta' April 2015, il-Presidenza qiegħda tmur lura għall-approċċ inizjali tagħha li titlob lill-Kummissjoni biex tissottometti l-proposta leġislattiva dwar l-implementazzjoni tat-Trattat ta' Marrakexx. L-eżistenza ta' tali proposta leġislattiva essenzjali għall-konklużjoni f'waqtha tat-Trattat ta' Marrakexx u l-implementazzjoni u l-applikazzjoni rapida tiegħu fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, hija tipprovdi bażi utli biex jiġu konkużi d-diskussionijiet kumplessi li għaddejjin bħalissa rigward il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx u dwar il-kwistjoni ta' kompetenza.

4. Minkejja l-isforzi tal-Presidenza, id-delegazzjonijiet ma setgħux jaqblu dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta. L-adozzjoni tal-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill tiddependi fuq id-delegazzjonijiet, li jifformaw minoranza li timblokka, li jeżaminaw mill-ġdid il-pożizzjonijiet tagħhom jew fuq l-eżami ulterjuri wara l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-proposta leġislattiva dwar l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Marrakexx, liema minnhom iseħħi l-ewwel.
5. Il-Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, taħt il-punti “A” ta’ waħda mil-laqgħat futuri tiegħu, l-imsemmija talba kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.

ANNESS

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

JISSOTTOLINJA l-impenn sħiħ tiegħu għad-dħul fis-seħħ rapidu tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Ġħomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat, (minn hawn 'il quddiem “it-Trattat ta' Marrakexx”).

JILQA' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx f'isem l-Unjoni Ewropea bħala wieħed mill-passi li jwassal għal dan l-għan.

IFAKKAR li l-qafas legali tal-UE għandu jiġi emendat sabiex ikun konformi ma' dak it-Trattat.

JIDDISPJAĊIH għall-fatt li l-Kummissjoni s'issa għadha ma ppreżentatx il-proposta leġislattiva meħtieġa li tippermetti emenda rapida tal-qafas legali tal-UE f'dak ir-rigward.

JISTIEDEN lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE, sabiex tippreżenta mingħajr dewmien il-proposta leġislattiva meħtieġa għal dak l-għan.